## Il-Mużika fil-Festa Maltija (VI):

# Il-marċ trionfali [il-ħames parti]



Mro Manoel Pirotta
DNESM (Lyon) [M.A.] Dip CNR (Lyon) [B.A. (Hons.)]
Hon VCM LFIBA CT, FVCM (Hons.) FTCL FLCM FNCM LTCL LMusLCM LMusTCL (Comp.) Ċert. (Qarrej tal-Provi) [Melit.]

Fl-ewwel parti ta' dal-artiklu laqqajtkom m'erba' marċi trionfali sbieħ ħafna u ferm popolari mill-pinna ta' kompożituri kbar bħalm'huma Beethoven [*Tarpeja*], Bellini [*Norma*], Grieg [*Sigur Jorsalfar*] u Verdi [*Aïda*]. Fit-tieni parti ta' dal-artiklu se nkompli nlaqqagħkom m'aktar marċi trionfali ta' kompożituri mill-Ewropa u lil hinn minnha, bħalm'huma Elgar [*Caratacus*] u Hollins mill-Ingilterra, l-organista Ġermaniż Karg-Elert [*Nun danket alle Gott*] u r-Russu Alexander Glazunov illi kiteb wieħed fl-okkażjoni tal-Fiera Dinijija ta' Chicago li nżammet f'dil-belt fl-1892-3.

Marċ trionfali 'Caratacus' mill-Kantata Op. 35: Ix-xogħol tal-kompożitur Romantiku Ingliż Edward Elgar (1857-1934) jifforma parti minn Kantata f'sitt xeni miktuba għal sopran, tenur, baritnu u żewġ baxxi, kor b'erba' vuċijiet u orkestra. Għal-librett, Elgar għażel lil Harry Arbuthnot Acworth (1849-1933) minn Malvern stess, li min-naħa tiegħu żejjen ftit l-istorja billi daħħal l-element ta' mħabba ġo fiha. Huwa fatt magħruf li Elgar kien iħobb l-għoljiet ta' Malvern, imma kienet ommu Ann stess li ssuġerietlu l-ewwel biex jikteb xogħol mibni fuqhom li magħhom hemm marbuta storja ta' żmien ir-Rumani. Dawn jikkonsistu f'ringiela sħiħa t'għoljiet li jitilqu mill-kontea ta' Worcestershire san-naħa ta' fuq ta' Gloucestershire u jiddominaw il-madwar tal-kampanja, l-ibliet u l-irħula tad-distrett ta' Malvern fl-Ingilterra, bl-inħawi kollu joffri spettaklu ta' sbuħija naturali liema bħalu.



Edward Elgar



Alexander Glazunov



L-organista agħma Ingliż Alfred Hollins

Elgar beda jaħdem fuq dax-xogħol patrijottiku xi xhur wara l-Ġublew tad-Djamant tar-Reġina Vittorja fl-1897. U huwa proprju fis-sitt u l-aħħar xena li nsibu l-famuż marċ trionfali bl-isem ta' *Caratacus*, kap tat-tribù, li għal għaxar snin sħaħ ipprova jirreżisti lir-Rumani milli jokkupaw il-Brittanja. Huwa kien safa megħlub fuq l-għoljiet ta' Malvern u ttieħed Ruma bħala priġunier militari fejn kienet se tinqatagħlu għall-mewt li kieku mhux għax b'diskorsu kkonvinċa lill-Imperatur Klawdju. L-ewwel rappreżentazzjoni tal-Kantata f'ġieħ l-E.T. ir-Reġina Vittorja saret waqt il-festival ta' Leeds fl-1898.



Waħda mill-kartolini li ħarġu fl-okkazjoni tal-Fiera Dinjija ta' Chicago (1892-3)



Impressjoni artistika mill-isbaħ tal-għoljiet ta' Malvern

Marċ trionfali 'Nun danket alle Gott' Op. 65, nru 59:Sigfrid Karg-Elert (1877-1933) huwa kompożitur Ġermaniżtal-ewwel nofs is-seklu 20, magħruf l-aktar għax-xogħlijiet tiegħu għall-orgni u l-armonju. Huwa kiteb dax-xogħol bħala parti minn sett sħiħ ta' 66 improvizzazzjoni korali fuq l-orgni. Il-koral, li jikkonsisti f'mużika għall-kant solenni u sempliċi ta' innu kantat fil-knisja minn kor u kongregazzjoni flimkien, ħadu mill-*cantata da chiesa* BWV 192 ta' Johann Sebastian Bach (1685-1750) – ġgant ieħor Ġermaniż tal-era Barokka – li huwa kiteb f'Leipzip fl-1730, bix-xogħol jibqa' mhux komplut minħabba li l-parti tat-tenur sfat nieqsa. Min-naħa tiegħu, Bach ħadem fuq il-koral ta' Martin Rinckart (1586-1649), qassis Ġermaniż Luteran u kittieb t'innijiet, li huwa kiteb fl-1636 u mmużikat minn Johann Crüger (1598-1662) fl-1647. Il-mużika ta' *Nun danket alle Gott*, tindaqq f'Ħadd it-Trinità Qaddisa.

Il-marċ trionfali ta' Karg-

ikompli f'paġna 26

# Il-marċ trijonfali

ikompli minn paġna 16

Elert – immarkat *Pomposo e con brio* – jinħadem fil-forma hekk imsejħa *da capo*. Alessandro Scarlatti (1660-1725) għamel ħafna użu mill-*aria da capo* fl-opri tiegħu. Din kienet tikkomprendi żewġ taqsimiet, bl-ewwel waħda b'introduzzjoni strumentali qabel dħul il-kant, u b'tat-tieni bir-ritornell strumentali, segwit minn taqsima vokali fi stil kuntrastanti. Fi tmiem it-tieni taqsima, Scarlatti kien iniżżel l-ittri D.C. (*da capo*) biex jindika li l-ewwel waħda trid titgħanna mill-ġdid. Kompożituri oħrajn kienu jniżżlu minflok l-ittri D.S. (*dal segno*) meta ma jkunux iridu li l-introduzzjoni strumentali terġa' tindaqq. Għal dal-għan, Karg-Elert sab koral bi ftit battuti, bix-xogħol jiffoka ħafna aktar fuq l-improvizzazzjoni, dik li aħna bil-Malti nsejħulu spirtu pront.

Marċ trionfali in Mi Maġġuri, Op. 40: Fl-1892 il-kompożitur Russu Alexander Glazunov (1865-1936) kien intalab jikteb biċċa mużika biex, flimkien ma' xogħlijiet ta' kompożituri oħrajn, tindaqq għall-ewwel darba miċ-Chicago Symphony Orchestra waqt l-Espożizzjoni Kolombjana Dinjija (magħrufa wkoll bħala l-Fiera Dinjija: Espożizzjoni Kolombjana, jew il-Fiera Dinjija ta' Chicago) li saret fil-belt ta' Chicago stess. Dil-fiera fuq skala internazzjonali saret biex tikkomemmora l-400 anniversarju mill-wasla ta' Kristofru Kolumbu (1451-1506), l-esploratur u n-navigatur Ġenwiż li skopra d-'Dinja l-Ġdida' fl-1492 wara li qasam l-Atlantiku bi tlitt imriekeb. Bħala avveniment, l-espożizzjoni kienet influwenti mil-lat soċjali u kulturali u ħalliet impatt qawwi ħafna mhux biss fuq l-arkitettura, l-arti u s-sanità, jew aħjar, fuq il-kondizzjonijiet tajba għall-ħarsien tas-saħħa, imma wkoll fuq kif il-belt ta' Chicago bdiet tara lilha nnifisha, u b'mod aktar ġenerali, fuq l-ottimiżmu industrijali Amerikan.

Għall-bidu, Glazunov, imwieled f'San Pietruburgu, kien jikteb mużika ispirata minn art twelidu, u għal xi żmien kien surmast tal-konservatorju t'hemmhekk stess. Huwa kien ħalla pajjiżu biex mar jgħix Pariġi, fejn għex il-bqija ta' ħajtu bħala kompożitur, għalliem tal-mużika u surmast tal-orkestra. Fost xogħlijietu nsibu tmien sinfoniji, kunċerti għall-pjanu u l-vjolin, u mużika għall-balletti. Il-marċ trionfali tiegħu kien indaqq nhar is-7 ta' Ġunju 1893 mill-orkestra ta' Chicago f'wieħed mill-kunċerti taħt id-direzzjoni ta' Woizech Iwanowich Hlavac. Fil-marċ trionfali tiegħu, Glazunov idaħħal xi battuti minn żewġ marċi Amerikani differenti: il-*Marching through Georgia* ta' Henry Clay Work (1832-1884), illi huwa kiteb fi tmiem il-Gwerra Ċivili Amerikana fl-1865, u *John Brown's Body*, dwar dal-mexxej abolizzjonista. Glazunov żied ukoll kor għal mal-orkestra kbira, fejn l-ilħna jgħannu bla ma jlissnu l-iċken kelma, biex fi kliemu stess jiċċelebra żerniq ħieles.

Bħala strument li jaħdem bit-tastiera, l-orgni hu ferm adattat għat-tip ta' mużika festiva bħalm'hu l-marċ trionfali. Ħafna huma l-kompożituri, speċjalment dawk li jappartjenu għall-iskola tal-orgni Franċiża tas-seklu dsatax, li kitbu xi wieħed: Nicolas-Jacques Lemmens (1823-1881), Alexandre Guilmant (1837-1911) u Louis Vierne (1870-1937) [*Marche triomphale pour le centenaire de Napoléon I*, Op. 46], fost oħrajn. Marċ trionfali ieħor għall-orgni huwa did-darba tal-organista Ingliż Alfred Hollins (1865-1942), li minkejja li kien nieqes mid-dawl, xorta waħda għamel snin twal idoqq fil-West St George's Church t'Edinburgu, l-Iskozja, u ta għexieren kbar ta' kunċerti fi tliet kontinenti differenti, fosthom l-Afrika t'Isfel. Fil-biċċa l-kbira tagħhom xogħlijietu huma qosra u b'xi titlu fantasjuż. U għad li Hollins kien jikteb fl-istil popolari ta' żmienu, wieħed jinnota l-livell ogħli tekniku fi bċejjeċ bħalm'huwa dal-marċ trionfali, li jħabbatha sew mal-aqwa xogħlijiet ta' Elgar, magħdud bħala l-aqwa kompożitur tas-seklu dsatax.